# Dun Amabile Sisner (1896-1923) Saċerdot Bormliż kappillan f'Ħal Balżan.



Imwieled f'Bormla nhar it-13 ta' Awissu 1854, missieru Ġiuseppi Sisner u ommu Carmela Cristina. Ġie mgħammed fil-knisja Kolleġjata tal-Kunċizzjoni nhar is-17 ta' Awissu. Wara li temm l-istudju saċerdotali tiegħu, insibuh maħtur Kappillan ta' Ħal Balżan. Dan ħa l-pussess ta' Kappillan minn idejn il-Kanċillier Dun G. Rossi, fit-18 ta' Ġunju 1896. Baqa' kappillan sa ma miet, nhar is-17 ta' Ġunju 1923, jum qabel is-27 anniversarju tal-pussess tiegħu.

Kien għadu qassis żagħżugħ ġewwa Bormla meta beda jħaddem il-pinna tiegħu, tant li l-ewwel xogħlijiet tiegħu jġibu l-isem "Ward bla Xewk". Dawn kienu ġabra ta' rakkonti storiċi li ħafna minnhom Sisner qalibhom għall-Malti minn ilsna oħra. Din il-ġabra ta' qari, dehret fis-snin 1887 u 1897 u ġew stampati fl-istamperija ta' G. Mifsud ta' Triq Sant' Ursola u għand Giov. Muscat. Dawn kienu "l-Iltim", "Guljetta u Dorotea", "Żewġ aħwa martri". "Genoveffa" u ħafna oħrajn. Kiteb ukoll, u ma jistax jonqos, dwar il-ħajja tal-Madonna li din kienet ġiet stampata għat-tieni darba fl-1910.



L-iskop tal-kitba tiegħu kien li ried juri s-siwi tal-kitba fit-tixrid tat-tagħlim, kif ukoll il-ħtieġa ta' aktar kotba bil-Malti. Dan il-kliem insibuh fl-introduzzjoni ta' l-ewwel taqsima ta' "Ward bla Xewk". Dan kien imfaħħar ħafna mill-Isqof Pietru Pace meta kiteb bit-Taljan fit-tielet taqsima, fl-ewwel paġna. Insibu ukoll li għall-kitba tiegħu kien imfaħħar ukoll mill-Papa Ljun XIII, fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 1893 u ħeġġu biex jissokta f'dan ix-xogħol. Dan insibuh miktub fit-tieni edizzjoni ta' "Ward bla Xewk" stampat għand "Adolfo & Magro" ta' Triq l-Ifran il-Belt.

Fl-1900 Sisner ħareġ il-ħajja ta' San Franġisk Saverju, u ddedika dan ix-xogħol lis-Sur Alfons Maria Galea, li kien teżorier ta' l-opra missjunarja "Propaganda Fide". Dun Sisner kiteb ktieb li semma "Imxi l-Ġenna" u kien sar ferm popolari. Kien fih 983 paġna u fih ġabra ta' talb u tagħlim

nisrani. Dan ħareġ fl-1904 waqt li reġa' ġie stampat fl-1910 u fl-1928. Fl-1904 ħareġ aktar kotba tal-mogħdija taż-żmien u fl-1907 dehru erbà poeżiji miktuba minnu, waħda bl-isem, "Nitgħallmu mill-Warda", oħra "Nitgħallmu mill-ħuta", "Miserere Mei Deus" u oħra "Lill-ħanina Omm Alla".

Waqt li tajna ħarsa ħafifa fuq il-ħafna xogħlijiet li kiteb Dun Amabile Sisner, jidher ċar li nqeda tajjeb bid-don tal-kitba. Għalkemm kien kappillan ma ngħalaqx fil-Parroċċa ċkejkna ta' Ħal Balzan, imma ried li jilħaq lill-Maltin kollha permezz tal-kitba. F'Ħal Balzan huwa rabat ismu, għax dam imexxi din il-Parroċċa għal aktar minn kwart ta' seklu. Kien bniedem qsajjar u maħbub mill-parruċċani minħabba l-karità li kien jagħmel, u kien wieħed, skond dawk li jiftakruh, li qeda dmirijietu bl-akbar eżempju għall-erwieħ afdati f'idejh. Ismu baqa' marbut ma' ġrajja ta' niket li ġrat fit-22 ta' Ottubru 1903, meta taret kamra tan-nar viċin id-dar tiegħu. F'din l-isplużjoni kienu mietu sitta min-nies, waħda minnhom oħtu Conċetta ta' 36 sena, u ohtu oħra kienet fost il-midruba. Fiż-żmien il-Parrokat tiegħu, hu kien strumentali biex joqtol twelid ta' pika, li kien se tinbet f'Ħal Balzan. Dan meta ma qabilx li jkun hemm każin ieħor bl-isem ta' Circolo San Valentino. Ta' diplomatiku li kien tahom parir li jissemma għall-Arkanġlu Gabriel. Fiż-żmien ukoll kien hemm il-kwistjoni tal-qniepen, li dawn ma laħqux saru fi żmienu.

Il-mewt ta' dan il-kappillan ġrat nhar San Valentino, qaddis li jgawdi devozzjoni kbira f'Ħal Balzan (17 ta' Ġunju 1923). Kien sar funeral li baqa' msemmi, kif kien jixraqlu, u ġie midfun fejn għadu sal-lum taħt il-presbiterju tal-artal maġġur fil-parroċċa ta' Ħal-Balzan.

*Joe Balzan*
*5/10/95*

Ref: Reg. Bapt. XVI nru. 280.
Carmel Bezzina B.A. Ħal Balzan Mejju / Ġunju 1973.
Ħajr: Każin tal-Banda San Gabriel - Balzan.

Carters
SUPERMARKET
Luqa Road, Paola Tel: 804634
Your Choice !!